# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI NUMRU 2813

**Kaz Numru 3481/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Kenneth Abela**

**u**

**Engineering Resources Limited**

*dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

Illum it-Tlieta 29 ta' Marzu 2022

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikorsipprezentat mill-Avukati, Dottor Robert Abela, u Dottor Mark Simiana ghan-nom tar-rikorrent, Kenneth Abela, fir-Registru Superjuri, fit-23 t'Awwissu 2016. Illi r-rikorrent qieghed issostni li gie trattat b'mod diskriminatorju, u dan meta s-socjeta` ntimata cahditlu d-dritt li jezercita l-fakolta` tal-*pre-retirement leave*. In oltre, r-rikorrent sostna li kien hemm haddiema li kienu thallew li jezercitaw dan id-dritt tal-*pre-retirement* leave.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi u jiddikjara li r-rikorrent ghandu dritt sa massimu sa' sitt xhur ta' *pre-retirement leave*, u l-agir tas-socjeta` ntimata li tirrifjuta dan id-dritt msemmi jikkostitwixxi trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent, jillikwida a favur tar-rikorrent kumpens xieraq u adegwat lir-rikorrent, u jikkundanna lis-socjeta` ntimata sabiex thallas il-kumpens kif likwidat lir-rikorrent.

Dan kollu gie kkonfermat fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-istess rikorrent, fejn ir-rikorrent ghamel referenza ghall-klawsola 6.2.14 li tirregola l-leave annwali (*annual leave*) tal-Ftehim Kollettiv li l-Korporazzjoni Enemalta kellha mall-Enemalta Professional Officers' Union (EPOU) li tistipula:

> "Pre-retirement leave. – Officers will be entitled to avail themselves of any sick leave on full pay unutilized in the four (4) year immediately prior to the termination of employment due to retirement".

Ir-rikorrent jaghmel referenza ukoll ghaz-zewg kuntratti li kien inghata, u cioe` dak tas-7 ta' Jannar 2010, fej gie assenjat il-kariga ta' *Administration Manager* u l-kuntratt li ssupera dan l-imsemmi

kuntratt, datat is-26 ta’ Novembru 2012, u li jikkostitwixxi proroga tal-kuntratt tas-7 ta’ Jannar 2010.

In oltre, ai termini ta’ artikolu 4 tal-Kap 536 tal-Ligijiet ta’ Malta d-drittijiet u l-obbligazzjonjiet li kienu vestiti fl-Enemalta, ghal dak li jikkoncerna l-impjegati, gew trasferiti lis-socjeta` Engineering Resources Limited, ossia l-intimata. Sussegwentement sar kuntratt iehor, li hu ndefinit, bejn ir-rikorrent u s-socjeta` ntimata, datat it-22 ta’ Gunju 2016.

Ir-rikorrent jsostni fid-Dikjarazzjoni tieghu li f’Marzu 2016 kien gie sekondat lill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura. Ir-rikorrent jishaq li s-socjeta` ntimata qieghda ccahdu mid-dritt li jezercita l-fakolta` tal-*pre-retirement leave*, u dan nonostante li dan id-dritt jirrizulta mill-ftehim ta’ xoghol, u kif ukoll skont id-dispozizzjonjiet tal-artikolu 4.5.1 ta’ *Public Service Management Code* (PSMC).

In oltre, jirrileva r-rikorrent, hemm impjegati ohra kemm mall-Enemalta u kemm mall-istess socjeta` ntimata li thallew li jezercitaw dan id-dritt tal-*pre-retirement leave*. Dan il-komportament, jishaq ir-rikorrent fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu, jikkostitwixxi trattament diskriminatorju ai termini ta’ artikolu 26 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` Engineering Resources Limited gie dikjarat li ma sar l-ebda trattament diskriminatorju mar-rikorrent minnha, u li ma cahdet l-ebda dritt ta’ *pre-retirement leave* lir-rikorrent.

In oltre, l-ebda mpjegati ohra tal-istess kategorija ta’ mpjegati tar-rikorrent ma thallew jezercitaw id-dritt tal-*pre-retirement leave*, u ghalhekk ma sehh l-ebda trattament disrkiminatorju versu r-rikorrent.

Is-socjeta` ntimata ghalhekk issostni li dak riportat fir-rikors promutur tar-rikorrent hu nfondat kemm fil-fatt u kemm fid-dritt, u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom minn dan it-Tribunal.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm ghaxar (10) seduti b’kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati u n-nota ta’ sotomissjonjiet tar-rikorrent.

Di piu’, saret trattazzjoni mill-konsulent legali tal-partijiet, ossia Dottor Andy Ellul ghas-socjeta` ntimata, mentri Dottor Mark Simiana ghamel trattazzjoni ghar-rikorrent. It-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta’ facilitajiet amministrattivi, bdil u rikuza fic-*Chairperson* u kif ukoll minhabba d-diversi talbiet ta’ differimenti.

Illi, r-rikorrent kien assistit mill-Avukat Dottor Mark Simiana, mentri s-socjeta` ntimata kienet assistita mill-Avukat, Dottor Andy Ellul.

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

Illi f'din il-kwistjoni tax-xoghol tressqu diversi xhieda sabiex jixhdu dwar dan il-kaz, u kif ukoll saru l-kontro-ezamijiet tal-istess xhieda. Fis-seduta tal-11 t'Ottubru 2017 xehed Jason Deguara li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju tat-Taqsima Kimika u Energija tal-General Workers Union (GWU) tal-haddiema tal-Enemalta mill-2007 sal-2015. Dan ix-xhud sostna li r-rikorrent ma kienx jaqa' taht din it-Taqsima peress li kien fi grad professjonali. Ir-rikorrent kien jaqa' taht Union ohra rrileva x-xhud, Jason Deguara, u li din il-Union kienet go l-istess Enemalta.

Dwar il-kwistjoni odjerna, u cioe` dik ta' *pre-retirement leave*, dan ix-xhud qal li dwar dawk il-haddiema, u li kienu jaqghu taht il-Union (GWU) li hu kien jirraprezenta, li dwar il-ftehim kollettiv tal-haddiema bejn skala 6 u skala 20 li kien jorbot bejn is-snin 2006 u 2010. Dan il-ftehim kollettiv ghalkemm kien skada kien ghadu in vigore peress li kien hemm klawsola 6.2.14 li kienet tghid li dawk il-haddiema koperti minn dan il-ftehim kollettiv, u li kienu jaqghu taht dawk il-gradi gia msemmija, kellhom d-dritt li jaghmlu uzu minn 50% mis-*sick leave* mhux utilizzat fuq *full-pay* fil-perjodu ta' erba' snin qabel it-terminazzjoni tal-impjieg taghhom minhabba l-irtirar[1].

Dan il-ftehim kien ghadu qieghed jithaddem peress li ma kienx sar ftehim kollettiv iehor sostna x-xhud, Jason Deguara. Dwar il-mod kif jithaddem il-pre-retirement leave x-xhud spejga li dan kien jithaddem billi kienu jaqbdu l-ahhar erba' snin mis-*sick leave* li haddiem ikun ha jnaqqsu minnu l-ammont li hemm fil-ftehim kollettiv u r-rimanenti jkun il-leave li jkun intitolat ghalih il-haddiem qabel jispicca bl-irtirar mix-xoghol. Ix-xhud ma kienx cert jekk min kien ikun bil-pre-retirement leave kienx jiehu l-paga kollha bl-allowances inkluzi jew jekk kienx jiehu l-paga bazika.

Fl-istess seduta xehed ukoll l-Inginier Marvin Cutajar, li f'dak il-perjodu kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Enemalta Professionals Officers Union (EPOU). Dan ix-xhd spjega li kienu jirraprezentaw lill-professjonisti tal-Enemalta, u li kienu jammontaw ghal aktar minn mija[2].

Dwar ir-rikorrent dan ix-xhud sostna li kienu jafu u li kien inginier u li wara kien lahaq manager. Dan ix-xhud spjega li r-relazzjoni bejn dawn il-professjonisti u ERL kienet regolata bil-ftehim kollettiv. Dan ix-xhud qara *ab verbatim* dwar dak li jistipula l-ftehim kollettiv, u cioe`, "*officers will be entitled to avail themselves of any sick leave on full pay unutilised in the 4-year period immediately prior to the termination of employment due to retirement*"[3].

---

[1] Xiehda ta' Jason Degura, seduta tal-11 ta' Ottubru 2017, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[2] Xiehda ta' Marvin Cutajar, seduta tal-11 ta' Ottubru 2017, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[3] Ibid, pagna 8 tat-traskrizzjoni.

Dan ix-xhud sostna li ma kienx jaf ezattament kif jahdem dan il-mekkanizmu tal-*pre-retirement* leave izda qal li kien jidhirlu li l-ammont ta' *sick leave* li ma jkunx ittiehed, jittiehed bhala leave. Dwar is-salarju li jiehdu l-professjonisti li jaghmlu uzu mill-pre-retirement leave dan ix-xhud ma kienx cert x'kienu jircievu.

F'din l-istess seduta xehed ukoll Ray Azzopardi, *General Manager* ta' Engineering Resources Limited u li beda biex qal li kien ilu f'din ilkariga mill-bidu ta' din il-kumpanija, ossia minn Awwissu 2014. Ix-xhud kompla jispjega li din il-kumpanija, ERL, kienet hadet lill-ex haddiema tal-Enemalta Corporation li kienet giet revokata b'Att tas-sena 1997 u kienet inholqot Enemalta plc. Minn Enemalta plc kienet harget il-kumpanija, Engineering Resources Ltd, u li hadet il-haddiema maghha bl-obbligi u drittijiet li kienu jikkoncernaw lill-istess haddiema[4].

Ix-xhud spjega kif dawn il-haddiema kienu jigu mqassma mall-istess Enemalta u fl-Enemed, u dan fid-divizjonjiet li kellha bhal Petroleum Division. Il-haddiema li kienu zejda kienu jitqassmu f'entitajiet tal-Gvern u dan skont kif kien il-pjan ta' ristrutturar. Ix-xhud qal li kien jaf lir-rikorrent mill-bidu meta dahal bhala *Professional Officer Executive* u wara kien tela' ghall-grad ta' Manager.

Ix-xhud qal li l-Managers ma kellhomx *pre-retirement leave* izda haddiema ohra mall-Enemalta jew mall-ERL kellhom. Ix-xhud sostna li meta r-rikorrent kien talab ghal *pre-retirement leave* dan ma kienx inghata u dan peress li l-grad tieghu ma kienx hemm ftehim bejn il-Union u l-Management. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-maggornaza tal-*managers* kienu promossi ghall-grad professjonali[5].

In oltre, x-xhud spjega li min kien jaqa' taht il-gradi tal-professjonjisti kienu ntitolati ghal *pre-retiremet leave* mentri l-*managers* ma kienux intitolati, dan minhabba li kien sar il-ftehim mall-Union (ESSU). Il-Union, u cioe` l-ESSU, kienet talbet li l-gradi tal-managers jinghataw il-*pre-retirement leave* izda l-kumpanija ma kinietx accettat.

Ir-raguni l-ghaliex il-gradi professjonali ma kienux inghataw il-*pre-retirement leave*, sahaq dan ix-xhud, kienet li l-professjonisti kienu superjuri ghall-gradi tal-managers u ghall-gradi aktar baxxi. Ix-xhud baqa' jsostni li qatt ma kien hemm ftehim li l-managers li kienu mall-Enemalta, u li marru ma' l-ERL, jinghataw *pre-retirement leave*.

Ix-xhud spjega wkoll l-modalita` kif tahdem is-*substantive post*. Ix-xhud qal "… *jekk dik il-persuna ma jibqax fil-kariga ta' manager il-fall back position tieghu tkun ta' professional grade*"[6]. F'kaz li dak l-impjegat ikun fi grad manigerjali ma jkunx intitolat ghal *pre-retirement leave*, u ghalhekk japplikaw il-kundizzjonjiet ta' dak l-irwol.

Dwar dawk l-impjegati tal-Enemalta li gew assenjati lill-ERL u li kienu jinghataw ingagg mad-Dipartimenti tal-Gvern, fosthom ir-rikorrent, ix-xhud qal li r-rikorrent kien gie assenjat mad-

[4] Xiehda ta' Ray Azzopardi, seduta tal-11 ta' Ottubru 2017, pagna 11 tat-traskrizzjoni.
[5] Ibid, pagna 13 tat-traskrizzjoni.
[6] Ibid, pagna 15 tat-traskrizzjoni.

Dipartiment tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali u wara mad-Dipartiment tat-Tindif (*Cleansing Department*). Ix-xhud ghad-domanda jekk il-haddiema li jkunu assenjati mad-dipartimenti governattivi jkunux intitolati ghal *pre-retirement leave*, x-xhud wiegeb li jista' jkun li jkunu.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2017 xehdu is-Sur Ramon Deguara, s-Sur John Leonard u s-Sur Edwin Gauci. Is-Sur Ramon Deguara, u li jokkupa l-kariga ta' Direttur tad-Direttorat tadt-Tindif (*Cleansing Directorate)*, u li huwa Dipartiment tal-Gvern, ikkonferma li r-rikorrent hu mpjegat jew ahjar misluf lid-Direttorat. Ix-xhud qal li r-rikorrent hu *Health and Safety Officer*, u li ftit ta' zmien iehor kien se jkun responsabbli mill-*procurement* tal-istess Direttorat.

Ix-xhud ikkonferma li la r-rikorrent kien haddiem mac-Civil kienu japplikaw il-proceduri tac-Civil, u dan sakemm kien assenjat mad-Direttorat. Ix-xhud qal li ma kienx jaf bl-ezatt kemm kien ilu r-rikorrent assenjat maghhom, izda jahseb li kien ilu maghhom madwar sentejn[7].

Dwar il-*pre-retirement leave* li kellhom l-impjegati tac-Civil, ix-xhud ghamel referenza ghall-*Public Service Management Code*, li tistipula, li mpjegat li tul il-karriera lavorattiva tieghu ma jkunx ha aktar minn 50% tas-*sick leave* jkun intitolat ghal *pre-retirement leave* meta jkun wasal ghall-irtirar mix-xoghol. L-impjegat jinghata massimu ta' erba' xhur leave u dan japplika ghall-iskali kollha tac-Civil.

Dwar jekk ir-rikorrent kienx talab li jinghata l-*pre-retirement leave*, x-xhud sostna li r-rikorrent kellu jaghmel din it-talba lill-ERL u sa fejn jaf hu kien ghamel din it-talba. Ix-xhud sostna li hu ma kellux oggezzjoni ghal din it-talba li ghamel ir-rikorrent. Ix-xhud zied jghid ukoll li kien hemm impjegati ohra tal-ERL u li kienu ntitolati ghal dan il-*pre-retirement leave*. Ix-xhud semma' mpjegat tal-ERL, certu Mario Cassar, li f'dak il-perjodu kien bil-*pre-retirement leave*.

Fl-istess seduta xehed ukoll John Leonard, li kien jokkupa l-kariga ta' Head of Payroll tas-socjeta` ntimata, u li kien ilu f'din il-kariga ghal madwar sentejn u nofs. Qabel dan ix-xhud kien jokkupa l-istess kariga mall-Enemalta.

Dwar liema skala kien jaqa' r-rikorrent, ix-xhud qal li dawn ma tistax tamalgamhom ghax qeghdin imqasmin fi skali differenti. L-iskali tal-professjonisti sostna dan ix-xhud huma bejn skala 7 u skala 5. Ix-xhud sostna li hemm ftehim kollettiv li jirregola l-professjonisti. Ix-xhud spjega li dawn il-karigi li dawn l-impjegati kellhom mall-Enemalta gew amalgamati fuq skala 5 tal-Gvern u zammew l-istess kundizzjonjiet li kellhom fil-ftehim kollettiv. Dwar il-professjonisti dan ix-xhud qal li jekk professjonisti kien ikollu 100%, u ta ezempju li jekk ikun fadal mitt gurnata kien jiehu mitt gurnata bhala *pre-retirement leave*[8].

Bhala allowances tal-professjonjisti li johorgu bil-*pre-retirement leave*, x-xhud qal dawk l-*allowances* li dak il-professjonist ikollu kienu jibqghu u dan skont il-ftehim kollettiv.

---

[7] Seduta tat-22 ta' Novembru 2017, xiehda ta' Ramon Deguara, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[8] Ibid, xiehda ta' John Leonard pagna 6 tat-traskrizzjoni.

F' din is-seduta tat-22 ta' Novembru 2017 xehed ukoll Edwin Gauci, u li kien jokkupa l-kariga ta' *Station Manager* fil-*Power Station* tal-Marsa, qabel ma rtira mix-xoghol. Meta kien gie biex jirtira l-principal tieghu kienet is-socejta` ntimata. Ix-xhud sostna li hu kien wiehed mill-fundaturi tal-*Enemalta Profession Officer Union* (EPOU) u wara kien membru fundatur tal-*Union Enemalta Senior Staff Union* (ESSU).

Dwar il-*pre-retirement leave* dan ix-xhud sahaq li din kienet storja twila. Ix-xhud beda biex qal li meta bdew jahdmu fuq il-kuntratti ta' tlett snin, ghall-*Managers*, kien hemm klawsola, numru sitta (6), li kienet tghid "*During the currency of this agreement, the employee shall be subject to the general conditions as established by the collective agreement of the Enemalta Professional Officer Union, EPOU, in so far as they are not inconsistent with this agreement*"[9].

Ix-xhud sahaq li huma bhala Union kienu nsistew sabiex dak kollu li kien miktub fuq il-kuntratt taghhom jekk ma kienx miktub ma kienx japplika tal-EPOU, u cioe` bhala Managers li kienu mpjegati mall-Enemalta. Ix-xhud qal li hu kien tkellem mall-*Human Resources Manager* ta' dak iz-zmien, is-Sur Roberto Cristiano, li kien qalli li din il-klawsola ma kinietx hemm u ghalhekk ma kinietx tapplika. Ix-xhud qal li hu kienu hassu li kienu dahku bih u kien dam jargumenta dwar din il-kwistjoni. Ix-xhud sahaq li s-Sur Cristiano ma seta' jaghmel xejn peress li dan il-kuntratt meta sar ma kienx hemm, izda kien hemm ta' qablu s-Sur Bonello.

Ix-xhud spjega wkoll li kien baghat ghalih il-*management* ta' dak iz-zmien u kien qallu sabiex jibqa' sitt xhur ohra u dan peress li kienet waslet biex tintefa' l-*Power Station* tal-Marsa. Ix-xhud sostna li hu kien talab lill-*management* li ried dak li kien ittihiedlu ngustament, u cioe` l-*pre-retirement* leave. Ix-xhud irrileva li l-management kien ikkoncedilu mija u tmenin (180) siegha bhala *vacation leave*[10].

Ix-xhud qal li dawn il-mija u tmenin (180) siegha kienu jammontaw ghall-sitt xhur *termination leave*. Ix-xhud qal li matul dawk is-sitt xhur sostna li kien ha kollox daqs li kieku kien bil-leave, meta mistoqsi x'beneficcji kien ha, "*Kollox, I mean jien kont qisni bil-leave*[11]".

Ix-xhud ghalaq ix-xiehda tieghu billi qal li sa fejn jaf hu kien hemm din il-klawsola tal-*pre-retirement leave* fil-kuntratti ta' dawk kollha li kienu mpjegati tal-Enemalta izda ma kinietx fl-ahhar kuntratt u sostna ukoll li ghadu sal-lum il-gurnata ma jafx il-ghaliex din il-klawsola tnehhiet[12].

Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018 xehdu George Portelli u r-rikorrent, Kenneth Abela. L-ewwel xhud kien is-Sur George Portelli li stqarr li hu kien jokkupa l-kariga ta' *Manager Distribution* mall-Enemalta. Dwar il-beneficcji li kellu fil-grad ta' manager, ix-xhud stqarr li kien hemm dawk individwali u dan ghax kien hemm *performance agreement*. Ix-xhud qal li kellhom dawk il-

[9] Seduta tat-22 ta' Novembru 2017, xiehda ta' Edwin Gauci, pagna 9 tat-traskrizzjoni.
[10] Ibid, pagna 9 tat-traskrizzjoni.
[11] Ibid, pagna 10 tat-traskrizzjoni.
[12] Ibid, pagna 11 tat-traskrizzjoni.

beneficcju li kienu bazici bhal *sick leave*, *marriage leave*, u hemm dawk il-beneficcji li jkunu specifici ghas-salarju li jkollu mpjegat. Ix-xhud sostna li beneficcji li ma kienx japplika ghall-grad tieghu ta' manager kien il-pre-retirement leave, u dan meta mpjegati ohra fi gradi ohra kellhom dan il-beneficcju[13].

Ix-xhud spjega li l-gradi ta' manager fil-maggornaza taghhom kienu Inginiera, u kienu jaqghu bhala professjonisti. Ix-xhud ikkonferma li kien ilu jaf lir-rikorrent ghal zmien twil, u kif ukoll bhala segretarju tal-ESSU, u li hi *in house union*. Dwar l-impjegati tas-socjeta` ntimata fi grad ta' manager, u li jkunu assenjati (*seconded*) ma' kumpaniji bhal Enemed u Enemalta, bhala beneficcji dawn ma jkunux l-istess. Ix-xhud sostna li dawk l-impjegati li huma assenjati mac-Civil ma ghandhomx dawk il-beneficcji li ghandhom impjegati assenjati mall-Enemalta. Ix-xhud sahaq li kien hemm diskussjonjiet dwar il-*pre-retirement leave* u dan peress li l-haddiema kollha tal-Enemalta kellhom izda l-Managers ma kellhomx dan il-beneficcju.

Ix-xhud qal li kien hemm min kien fil-grad ta' manager li kien ibbenefika mill-*pre-retirement leave* ghalkemm kien inghatalu taht nomenklatura differenti. Ix-xhud semma' lil Edwin Gauci li kien ibbenefika minn dan il-beneficcju.

Ix-xhud qal li sa fejn kien jaf hu min kien mac-Civil kien intitolat ghal *pre-retirement leave.* Ix-xhud sostna li meta mpjegat tas-socjeta` ntimata jigi assenjat mac-Civil hu ma jafx ikunx hemm xi ftehim addizzjonali apparti dak li ghandu mas-socjeta` ntimata, u li jkun jirregola li dak l-impjegat assenjat mac-Civil[14].

Fl-istess seduta xehed ir-rikorrent li spjega li kien dahal mall-Enemalta fis-sena 1991 wara li kien misluf mit-Tarzna. Fis-sena 1996 ix-xhud sar tal-post, u cioe` gie mpjegat tal-Enemalta, fil-grad ta' *Senior Professional Officer*, fi skala 5. Ix-xhud kien ukoll ufficjal tal-EPOU, u li f'dak il-perjodu kienu bdew diskussjoniet mall-management fejn kien intlahaq ftehim dwar il-*pre-retirement leave*. Il-massimu tal-*pre-retirement leave* kien dak ta' sitt xhur[15].

Ix-xhud kompla jixhed fejn qal li fis-sena 2009 kien lahaq manager u fis-sena 2014 l-impjegati kienu qalbu mas-socjeta` ntimata, Engineering Resources Limited (ERL). Ix-xhud spjega li dakinhar hu kien misluf mac-Civil, mall-Ministeru tal-Gustizzja. Ix-xhud, ossia r-rikorrent, spjega li hu kien mahtur bhala *Chairman* ta' Bord tad-Dixxiplina. Ix-xhud sostna li hu kien suggett ghar-regoli tal-*Public Service Commission*. Ix-xhud ipprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. 'KA1'.

Dan id-dokument hu ittra tal-hatra ta' Chairman ta' dan il-Bord ta' DIxxiplina. Kien sar ukoll *performance agreement* fis-sena 2009, u fis-sena 2012 kien skada dan il-ftehim li sar 2009. Ix-xhud sostna li kienu saru ftehimiet ohra li kienu jirregolaw certi regolamenti u *policies*, u l-ufficjali kif definit fl-EPOU. Kien hemm ftehimiet ohra u li l-kelma EPOU ma tissemmiex, dawk ir-

---

[13] Seduta tal-31 ta' Jannar 2018, xiehda tal-Inginier George Portelli, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[14] Seduta tal-31 ta' Jannar 2018, xiehda tal-Inginier George Portelli, pagna 8 tat-traskrizzjoni.
[15]Ibid, xiehda tar-rikorrrent, Kenneth Abela, pagna 10 tat-traskrizzjoni.

regolamenti u l-*policies* kienu japplikaw ghall-post tax-xoghol fejn ikun l-impjegat li jkun assenjat hemmhekk.

Ix-xhud sostna li hu kien jaf manager li kienu hadu l-*pre-retirement leave* u dan irrispettivament mill-mod kif kien imsejjah. Ix-xhud semma' lil Edwin Gauci li kien ibbenfika minn dan il-beneficcju. Ix-xhud spjega dak li kien qallu l-istess Edwin Gauci, dwar kif kien ha l-*pre-retirement leave*. Ix-xhud irrimarka li Edwin Gauci kien urieh il-kuntratt li kellu, u li kien jistipula li fejn ma kienx hemm konflitt mall-kuntratt impjegat kellu l-beneficcji kollha kif maqbula skont il-ftehim kollettiv tal-EPOU[16].

Ix-xhud sostna li dan hu kien jafu u kien propju ghalhekk li kien li nsista li fil-kuntratt tkun inserita din il-klawsola. Ix-xhud spjega li Edwin Gauci kien qallu li kienu tawh sitt xhur leave minflok *pre-retirement leave* u kien accetta, u kien ha sitt xhur leave qabel ma rtira. Ix-xhud qal li din kienet l-istess haga bhal *pre-retirement leave*[17].

Ir-rikorrent kompla jixhed fejn spjega li managers ohra li kienu assenjati (*seconded*) minn mall-Enemalta ghal mall-Enemed kellhom paga hafna aktar minn tieghu, u dan peress li hemm differenza fil-post tax-xoghol ta' dak l-impjegat. Ix-xhud sostna li jkun hemm min jiehu bonus ta' madwar tlett mija (€300) jew erba' mitt Ewro (€400) fl-ahhar tas-sena. Ix-xhud dan kien jafu peress li martu kienet tahdem mall-Enemalta[18].

Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2018 xehed Roberto Cristiano li f'dak il-perjodu kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Ezekuttiv tar-Rizorsi Umani (*Executive Director Human Resources*) mall-Enemalta. Ix-xhud dwar il-kwistjoni tal-*pre-retirement leave* beda biex qal li, mill-memorja, u dan ghax kienu gia ghaddew madwar erba' jew hames snin minn meta kien jokkupa din il-kariga, li ghad-diversi skali kien hemm zewg ftehmiet kollettivi, wiehed ghall-haddiema ndustrijali u klerikali li kien mall-*General Workers Union*, u iehor mall-EPOU ghall-professjonisti.

Ix-xhud spjega li l-karigi ta' managers ma kellhomx ftehim kollettiv, izda kuntratt individwali ghal kull manager. Ix-xhud jitfakar li kien dahal f'kaz partikolari, tal-Inginier Edwin Gauci, li kien wasal biex jirtira u kien talab ghal-*pre-retirement leave.* Ix-xhud qal li kien fiehem lis-Sur Gauci li fil-kuntratt tieghu din il-klawsola tal-*pre-retirement leave* ma kinietx hemm, u li Edwin Gauci kien urtat fuq hekk[19].

Ix-xhud sostna li kien spjega lis-Sur Gauci li din is-sitwazzjoni ma kinietx grat lilu biss u li kien hemm madwar hamsin (50) u sebghin (70) manager li ma kellhomx din il-klawsola. In oltre, sostna dan ix-xhud, kien hemm ftehim tal-Enemalta Senior Staff Union (ESSU) li kien jirregola l-parametri

---

[16] Ibid, pagna 11 tat-traskrizzjoni.
[17] Seduta tal-31 ta' Jannar 2018, xiehda tar-rikorent, Kenneth Abela, pagna 11 tat-traskrizzjoni.
[18] Ibid, pagna 12 tat-traskrizzjoni.
[19] Seduta tas-6 ta' Novembru 2018, xiehda ta' Roberto Cristiano, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn manager u iehor, u li din il-klawsola tal-*pre-retirement leave* ma kinitx hemm. Din il-Union sahaq ix-xhud kien jaghmel parti minnha r-rikorrent.

Ix-xhud qal li hu kien jidhirlu li din il-klawsola tal-*pre-retirement leave* kienet tezisti fil-ftehim kollettiv tal-G.W.U., u kif ukoll fil-ftehim kollettiv tal-EPOU. Dwar il-*Public Service Management Code* (PSMC) ix-xhud sostna li dan ma kienx japplika ghall-haddiema tal-Enemalta.

Dan ix-xhud irrileva li peress li l-*Power Station* tal-Marsa kienet waslet biex taghlaq u tigi zmantellata, lil Edwin Gauci kienu talbuh biex jestendi. Ix-xhud enfasizza li biex ma joholqux precedent mall-*managers* l-ohra u ghalkemm is-Sur Gauci kien leali lejn il-kumpanija, kien tah l-ahbar (*bad news*) li ma setghux jaghtuh il-*pre-retirement leave* [20].

Ix-xhud in kontro-ezami wiegeb li l-*managers* kienu jigu, l-maggor parti taghhom mill-gradi professjonali. Ix-xhud irrileva li manager kien ikollu ftehim li jkun definit ghal tlett snin, u li jkun a bazi tal-prestazzjoni tieghu (*performance agreement*). Wara dawk it-tlett snin jekk dak il-manager ma jkunx lahaq il-livell mehtieg kien jerga' jinzel ghall-posizzjoni ta' qabel, ossia ghall-kariga li tkun tokkupa precedentement. Ix-xhud igib l-ezempju ta' "*safety net*" fejn jghid li jekk manager wara li jkun skadielu l-perjodu ta' dak il-kuntratt li jkollu jkun hemm zewg xenarji, jew ikun hu li jaghzel li ma jgeddidx il-kuntratt jew il-kumpanija ma ggeddidlux il-kuntratt, u dan minflok jispicca mill-impjieg tieghu, dak il-manager jirritorna ghall-grad li kellu qabel.

Ix-xhud wiegeb li meta kien ikun hemm tibdil fil-gradi bhal minn professjonist jitla' ghall-manager il-korporazzjoni (Enemalta) suppost li kienet tinforma lill-Korporazzjoni tax-Xoghol kif kienet maghrufa dak iz-zmien, u llum Jobs Plus.

Ix-xhud sostna li l-professjonisti kollha kienu ntitolati ghal *pre-retirement leave* skont il-ftehim kollettiv taghhom tal-EPOU. In oltre, x-xhud ikkonferma, li skont hu, l-*Public Service Management Code* kienet tinkludi l-*pre-retirement leave*, u li l-impjegati tal-Enemalta kienu jitqiesu bhal ufficjali pubblici[21].

Ghar-rigward tas-Sur Edwin Gauci dan ix-xhud sostna li kienu nnegozjaw pakkett finanzjarju mieghu sabiex jestendi u dan minhabba li kien hemm bzonnu peress li kienet waslet biex tizzarma l-*Power Station* tal-Marsa. Ix-xhud qal li dan il-pakkett finanzjarju kien madwar ghoxrin elf Ewro (€20,000). Dan l-ammont, sahaq ix-xhud, kien ikkalkulat fuq dak li talab Edwin Gauci, u cioe` skont il-kalkolazzjonjiet li kien ghamel l-istess Edwin Gauci. Ix-xhud qal ukoll li sakemm kien ghadu hemm hu l-Inginier Gauci kien ghadu jahdem l-Enemalta[22].

Fis-seduta tat-30 t'April 2019 xehed in kontro-ezami John Leonard li wiegeb ghad-domandi maghmula mir-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata. Ix-xhud beda biex qal li hu kien ghamel referenza ghaz-zewg ftehimiet kollettivi meta kien xehed l-ahhar, u li kien hemm ftehim kollettiv

[20] Ibid, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[21] Seduta tas-6 ta' Novembru 2018, xiehda ta' Roberto Cristiano, pagna 10 tat-traskrizzjoni.
[22] Ibid, pagna 13 tat-traskrizzjoni.

ghall-professjonisti u iehor ghall-gradi l-ohra. Ix-xhud sostna li r-rikorrent kien jaqa' taht il-ftehim kollettiv tal-professjonisti tal-EPOU. Ix-xhud meta mistoqsi dwar ftehim iehor bejn is-socjeta` ntimata u ESSU, x-xhud wiegeb li ma dan il-ftehim ma kellux access ghalih.

Dwar jekk ir-rikorrent kienx jaqa' taht dan il-ftehim, ix-xhud qal li la dan il-ftehim kien jaghmel referenza ghall-gradi ta' managers, u li dan il-ftehim ma kienx isemmi l-*pre-retirement leave*. Dan ix-xhud wara li gie muri l-kuntratt li kien sar bejn ir-rikorrent u s-socjeta` ntimata, kkonferma li f'dan il-kuntratt ma kien hemm ebda referenza ghal *pre-retirement leave*.

Ix-xhud qal li hu ma kienx bhal *Head of Payroll* johrog is-salarju tar-rikorrent, u dan peress li hu ma kienx johrog il-pagi tal-gradi manigerjali. Ix-xhud sostna li hu kien johrog il-pagi ta' min kien jaqa' taht il-ftehim kollettiv tas-socjeta` ntimata u tal-EPOU, u tal-professjonisti[23].

Ix-xhud sahaq li hu ma kienx jidhol fit-termini u l-kundizzjonjiet tal-kuntratti u kien jahdem fuq dak li kienu jaghtuh. Ix-xhud sostna li kien joqghod fuq l-attendenza. Ix-xhud qal li hu kien johrog il-paga tal-impjegat skont dak li kien hemm stipulat fil-ftehim kollettiv[24].

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019 xehdu in kontro-ezami Ramon Deguara, u r-rikorrent, Kenneth Abela u xehdu in ezami, Mario Grixti u Raymond Azzopardi.

In kontro-ezami r-rikorrent beda biex qal li hu kien misluf lill-*Cleansing Department* u ghalhekk kien marbut bir-regoalmenti tac-Civil. Ix-xhud sahaq li kull meta wiehed ikollu bzonn jiehu leave jew sick leave trid titlob lilhom, ossia lill-*Cleansing Department*[25].

Ix-xhud ikkonferma li hu kien misluf lid-Dipartment tat-Tindif (*Cleansing Department*), u kellu kuntratt mas-socjeta` ntimata u li kien jaf li kienu japplikaw ir-regoli tal-ESSU. Ix-xhud sahaq li ghalkemm fil-ftehim mall-ESSU ma hemmx indikat li l-impjegati kienu ntitolati ghal pre-retirement leave, ma kienx ifisser li hu kien intitolat ghalih u dan ghax hekk kienet ikkonfermat is-socjeta` ntimata.

Ix-xhud sostna li ma kienx jaf fl-liema stadju kienu ltaqghu jekk hux wara li kienet infethet din il-kawza jew qabel, u dan b'referenza ghall-ittra li r-rikorrent kien baghat lis-socjeta` ntimata. Ix-xhud ikkonferma li hu mill-grad ta' manager ma setax imur lura ghall-grad li kellu qabel, u cioe` ghal dak ta' professjonist[26].

Fl-istess seduta xehed in kontro-ezami Ramon Deguara li spjega li min ikun misluf mad-dipartment li hu jmexxi mill-Enemalta ikun regolat bil-kundizzjonjiet tal-Enemalta. Ix-xhud sostna li bhala dipartiment li hu kien immexxi ghal dak li kien jikkoncerna lir-rikorrent kienu jidhlu ghal

[23] Seduta tat-30 ta' April 2019, xiehda in kontro-ezami ta' John Leonard, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
[24] Seduta tat-30 ta' April 2019, xiehda in kontro-ezami ta' John Leonard, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[25] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019, xiehda in kontro-ezami tar-rikorrent, Kenneth Abela, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[26] Ibid, pagna 5 tat-traskrizzjoni.

meta jkun hemm bzonn ta' leave jew *sick leave*. Bhala kundizzjonjiet ta' amministrazzjoni kienu jaqghu ukoll taht id-dipartiment tieghu sostna x-xhud[27].

Fl-istess seduta xehed ukoll is-Sur Mario Grixti, *Deputy Haed of Industrial Relations*, mad-Direttorat (*People and Statndards*) fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, (OPM). Ix-xhud beda biex spjega d-differenza bejn is-Servizz Pubbliku, u cioe` c-Civil, li hu regolat mill-*Public Service Commission*, u l-Entitajiet Pubblici. L-Entita` Pubblika, sostna x-xhud, hi persuna legali differenti mic-Civil u hi regolata bil-kundizzjonjiet tal-impjieg skont il-Ftehim Kollettiv, jew dak il-kuntratt personali mall-impjegat *per se*[28].

Ghalhekk sostna dan ix-xhud huma dawk il-kundizzjonjiet tal-impjieg, u fil-kwistjoni odjerna, huma l-kundizzjonjiet tal-impjieg tas-socjeta` ntimata, li japplikaw. In kontro-ezami dan ix-xhud ghad-domandi tar-rapprezentant legali tar-rikorrent sostna li bhala paga, din tkun skont il-kundizzjonjiet tal-impjieg tieghu u mhux bhal dik ta' ufficjal pubbliku, u dan ghax il-principal hu differenti, mhux il-Gvern, imma dik l-entita` pubblika li maghha jkun impjegat. In oltre, sahaq ix-xhud, f'sitwazzjonijiet ta' dixxiplina, min ikun misluf minn entita' pubblika ma jidhirx quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku (*Public Service Commission*) (PSC), izda quddiem il-Bord tad-Dixxiplina ta' dik l-entita` li tkun timpjega li dak l-impjegat. Ix-xhud sostna li ufficjal pubbliku hu dak kif stipulat mill-Kostituzzjoni ta' Malta[29]. Ufficjal pubbliku jkun skont il-PSC sostna x-xhud, Mario Grixti.

In oltre, ghad-domanda dwar il-ghaliex taht il-ligijiet kriminali mpjegati tal-Enemalta tqiesu bhala ufficjali pubblici, x-xhud wiegeb li Kap 452 japplika fl-intier tieghu ghall-entitajiet pubblici. Ix-xhud kompla jelabora fejn qal li certi klawsoli ma kienux japplikaw ghall-Gvern u ghamel referenza ghall-Avviz Legali 51 tal-2007.

F'din is-seduta tal-14 ta' Mejju 2019, rega' xehed is-Sur Ray Azzopardi, li fisser li r-rikorrent kien wiehed minn dawk l-impjegati li kienu rritornaw ghand is-socjeta` ntimata u wara li kien intbaghat f'entita` ohra. Ir-rikorrent jaqa' taht il-gradi ta' *managers* u ghalhekk hu regolat bil-ftehim bejn l-ESSU u s-socjeta` ntimata[30].

L-istess rikorrent hu regolat b'kuntratt indefint u li l-kariga tieghu hija determinata minn dan l-istess kuntratt, sostna x-xhud. In oltre, l-kariga tibqa' li hi u cioe` li ma jistax jerga' jinzel ghall-grad ta' professjonist kif kien qabel, u dan peress li kien ghadda z-zmien.

Ix-xhud issemmi ukoll il-perjodu ta' prova li kellu r-rikorrent meta kien ha l-promozzjoni ghall-manager, u li kien hemm perjodu li fih impjegat jew il-principal setghu ghazlu li dak l-impjegat jerga' jirritorna ghall-grad li kellu. Fil-kaz tar-rikorrent la kien ghadda z-zmien u kien inghata ukoll t-tieni kuntratt kien gie fuq bazi ndefinita bhala kuntratt ta' mpjieg. Ghalhekk sostna dan ix-xhud

[27] Ibid, xiehda ta' Ramon Degura, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
[28] Ibid, xiehda ta' Mario Grixti, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[29] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019, xiehda in ezami ta' Mario Grixti, pagna 10 tat-traskrizzjoni.
[30] Ibid, xiehda in ezami ta' Ray Azzopardi, pagna 11 tat-traskrizzjoni.

la ma kinietx intlaqghet it-talba ghal *pre-retirement leave* mill-*management* ir-rikorrent ma jibbenefikax minn dan il-beneficcju peress li hu mananger[31].

Ix-xhud ikkonferma li hemm ftehim kollettiv mall-G.W.U. u iehor tal-professjonisti mall-EPOU dwar dan il-beneficcju tal-*pre-retirement leave*, izda mhux fil-gradi ta' *managers.* Dwar is-sitwazzjoni tal-Inginier Edwin Gauci x-xhud qal li s-socjeta` ntimata qatt ma tat lill-Inginier Gauci *pre-retirement leave*.

Dan ix-xhud premezz ta' skeda ta spjegazzjoni dwar il-ghaliex is-socjeta` ntimata kienet offriet lill-Inginier Gauci li ggeddidlu l-impjieg u dan minhabba l-eghluq tal-Power Station tal-Marsa. Ix-xhud qal li dan kien il-fuq mill-*pre-retirement leave.* Dan kien sar peress li l-Inginier Gauci kien il-persuna idonea li kellu l-esperjenza kollha mehtiega peress li kien imexxi s-sezzjoni tal-maintenance, u ghalhekk kellu t-taghrif kollu necessarju ghal dan il-process tal-eghluq tal-*Power Station*[32].

Ix-xhud kompla jispjega li s-socjeta` ntimata talbet permess lil PAHRO sabiex tkun awtorizzata din l-estensjoni. Fit-8 ta' Jannar 2015 il-PAHRO tat il-permess taghha ghal din l-estensjoni. Il-performance agreement tal-Inginier Gauci, sostna x-xhud, kien se jaghlaq fil-31 ta' Marzu 2015, u ghalhekk kien hemm dan l-addendum u in oltre, kien jehtieg li jsir addendum iehor ghar-rimanenti perjodu ta' sitt xhur, li kien mill-15 t'April 2015 sat-18 t'Ottubru 2015. Id-data tal-irtirar tal-Inginier Gauci kienet it-18 t'April 2015 u ghalhekk kienet dahlet fis-sehh l-estensjoni ta' sitt xhur kif awtorizzat il-PAHRO, rrileva x-xhud[33].

Ix-xhud kompla jaghti spjegazzjoni tal-iskeda u qal li l-Inginier Gauci kien jaghlaqlu l-leave tas-sena kalendarja, u dan kien peress li kien kunjomu kien bl-ittra 'G'. L-Inginier Gauci kien intitolat ghall-perjodu li kien fadallu ta' leave u li kienu madwar tlett xhur u nofs leave. Ix-xhud qal li l-leave li kien intitolat ghalih l-Inginier Gauci kien dak ta' 192 siegha, u dan kien mis-sena 2014/2015, u cioe` sat-30 ta' Gunju 2015. In oltre, kien hemm ukoll 56 siegha li kienu gew determinati ghat-tlett xhur u nofs, u dan skont it-tieni addendum. Fil-ftehim tat-tieni addendum kien jghid li dan il-leave ried jittiehed sat-30 ta' Gunju 2015.

Dan ix-xhud sostna li x-xoghol tal-eghluq tal-*Power Stataion* tal-Marsa kien tlesta fit-18 ta' Settembru 2015, u cioe` hames xhur wara l-estensjoni tal-Inginier Gauci. Meta tlesta dan ix-xoghol l-Inginier Gauci kien gie nformat li xogholu kien mitmum, u jista' jmur id-dar. Bhala hlas l-Inginier Gauci kien jiehu ta' dak ix-xahar u li dan kien se jitnaqqas mir-rigal li kien imwieghed. Ix-xhud sostna li l-Inginier Gauci kien inghata somma ekwivalenti ta' madwar 180 gurnata u dak ix-xahar kien se jitnaqqas mill-kumplament tal-ammont ta' wara it-18 t'Ottubru 2015[34].

---

[31] Ibid, pagna 12 tat-traskrizzjoni.
[32] Ibid, pagna 14 tat-traskrizzjoni.
[33] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019, xiehda in ezami ta' Ray Azzopardi, pagna 14 tat-traskrizzjoni.
[34] Ibid, pagna 15 tat-traskrizzjoni.

Wara l-gurnata tat-18 t'Ottubru 2015, is-socjeta` ntimata kienet infurmat lill-Jobs Plus li dan l-impjegat kien spicca mix-xoghol u kien baqa' jircievi erba' halsijiet mensili tal-kumplament tas-somma, u dan skont il-ftehim li kien sar bhala rigal tax-xoghol li kien ghamel l-Inginier Gauci. F'dan il-ftehim qatt ma kien hemm il-*pre-retirement leave*.

In kontro-ezami x-xhud Ray Azzopardi wiegeb li l-180 gurnata li ha l-Inginier Gauci bhala flus jammonatw ghal madwar sitt xhur, u li kienu naqsu minnhom l-ahhar xahar mis-somma li kienu qablu fuqha, u dan ghax kien hareg qabel, u cioe` f'hames xhur. Fil-hames xhur li kien hadem kien thallas normali u peress li kien spicca ftit qabel l-Inginier Gauci kien thallas xorta ta' dak ix-xahar, imma dak ix-xahar kien tnaqqas mis-somma maqbula[35].

Ix-xhud rega' kkonferma li l-Inginier Gauci kien thallas tas-sitt xhur, u li minnhom kien hadem hames xhur, u wara li spicca mix-xoghol kien ircieva l-pagamenti f'hames rati, fi zmein erba' gimghat. Ix-xhud sostna li il-pagamenti li rcieva l-Inginier Gauci ma kienux bhala *pre-retirement leave*, u li kien thallas mill-Enemalta u mhux mis-socejta` ntimata. Ix-xhud kompla jispjega li l-pagi tal-impjegati li kienu mall-Enemalta kienet tohroghom l-ERL, ossia s-socjeta` ntimata, u wara kienet tibghat invoice lill-Enemalta.

Dwar il-mija u tmenin (180) gurnata li professjonist jiehu bhala salarju kif hemm fil-ftehim kollettiv, ix-xhud qal li dan ikun bhala *pre-retirement leave*, u ghalhekk hu l-ekwivalenti ta' dawn il-granet, u dan minghajr ma' mpjegat jidhol ghax-xoghol. Ix-xhud qal li l-ftehim li kien sar mall-Inginier Gauci kien sar minhabba c-cirkosatnza tal-eghluq tal-Power Station, u dan ghax skont ix-xhud l-Inginier Gauci kien aktar "*knowledgeable*"[36].

Fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2019, xehed in kontro-ezami, l-Inginier Edwin Gauci, li wiegeb ghad-domandi tar-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata. Ix-xhud, beda biex qal li l-management kien talbu biex jibqa' sitt xhur ohra u dan sakemm taghlaq il-Power Station tal-Marsa. Dan il-ftehim kien sar qabel ix-xhud kien se jirtira mix-xoghol. Ix-xhud sostna li biex hu jibqa' ried dak li kienu hadulu, u cioe` l-*pre-retirement leave*[37].

Ix-xhud rega' ghamel referenza ghall-kuntratt tax-xoghol tieghu li kien tlett pagni kollox, fejn il-klawsola tal-*pre-retirement leave* ma kinietx hemm. Ix-xhud sahaq li kien lest li jibqa' sitt xhur wara z-zmien tal-irtirar, jekk jinghata dak li kien ittehiedlu. Il-management kien informah li kien se jaghtih mija u tmenin gurnata vacation leave, u x-xhud sostna li kien accetta. Wara li kien hadem dwk is-sitt xhur, ix-xhud stqarr li kien beda l-mija u tmenin (180) gurnata *vacation leave*[38].

---

[35] Ibid, pagna 17 tat-traskrizzjoni.
[36] Seduta tal-14 ta' Mejju 2019, xiehda in ezami ta' Ray Azzopardi, pagna 19 tat-traskrizzjoni.
[37] Seduta tat-8 ta' Ottubru, xiehda in kontro-ezami tal-Inginier Edwin Gauci, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[38] Ibid, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud sostna li hu kien beda l-estensjoni fit-18 t'Ottubru 2015, u cioe` l-mija u tmenin (180) gurnata bdew wara din id-data, u li kellha tkun il-gurnata tal-irtirar tieghu. Ix-xhud qal li kien baqa' jiehu l-paga sal-ewwel gimgha ta' Gunju 2016[39].

Ix-xhud qal li bhala paga kien jircievi kollox bhal ma kien jircievi qabel, u cioe` *on call allowance*, *disturbance allowance,* u l-*allowances* l-ohra. Ix-xhud ikkonferma li ma kien hemm l-ebda differenza bejn il-*payslips* li kien jircievi matul il-mija u tmenin gurnata u dawk li kien jircievi qabel. Ix-xhud ma qabilx ma' dak li kien hemm imnizzel dwar ir-rimanenti pagamenti li kienu ta' "*five 4 weekly insatllments*"[40].

Ix-xhud ikkonferma li hu kien regolat bil-ftehim kollettiv tal-EPOU, u dan fejn il-kuntratt li kellhom il-managers ma kienx jirregola certi sitwazzjonijiet.

## Trattazzjoni Finali

It-trattazzjoni finali ta' din il-kwistjoni ta' xoghol saret fl-istess seduta tat-8 t'Ottubru 2019 fejn beda bit-trattazzjoni tieghu l-Avukat Mark Simiana ghar-rikorrent, Kenneth Abela. Il-konsulent legali tar-rikorrent beda biex issottometta li dan l-ilment ghandu jigi ezaminat fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok jekk ir-rikorrent hux intitolat ghal *pre-retirement leave*, u fit-tieni lok jekk sarx xi trattament diskriminatorju mar-rikorrent, u dan jekk kienx hemm min kien fl-istess sitwazzjoni analoga jew identika tar-rikorrent u bbenefika mill-*pre-retirement leave*.

In oltre, gie sottomess li f'kaz li dan it-Tribunal isib li l-ilment tar-rikorrent hu gustifikat, dan il-kumpnes ghandu jkun wiehed ta' *restitutio in integrum*. Il-konsulnent legali tar-rikorrent sostna li ghalkemm l-ahhar kuntratt tar-rikorrent ma jsemmi xejn dwar il-*pre-retirement leave*, fl-istess kuntratt hemm klawsola, li tghid li regolamenti ohra u *policies* japplikaw, u li huma applikabbli b'referenza ghall-*Public Service Management Code* (PSMC). Ir-rapprezentant legali tar-rikorrent jissottometti li l-impjegati tal-Enemalta huma ufficjali pubblici, u dan kif irrizulta minn decizjonijet tal-Qorti[41].

Ghalhekk, sostna d-difensur tar-rikorrent, il-PSMC huwa applikabbli ghall-ufficjali pubblici, u dan referenza ghar-rikorrent, huma ntitolati ghal-*pre-retirement leave*. In oltre, ssir referenza ghad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali, Kaz Nru. 2729/LC, fl-ismijiet, *Fondazzjoni ghal Servizzi ta' Harsien Socjali vs Union Haddiema Maghqudin*, tas-27 ta' Gunju 2017, fejn tikkocerna propja l-kwistjoni tal-*pre-retirement leave*.

Id-difensur tar-rikorrent sahaq li gialadarba r-rikorrent kien gie sekondat f'Dipartiment governattiv, u li mpjegati bhalu kienu ntitolati ghall-*pre-retirement leave*, dan ghandu japplika wkoll ghar-rikorrent. Fis-sottomissjonijiet tieghu r-rapprezentant legali tar-rikorrent, Dottor Simiana, jaghmel referenza ghall-kaz tal-Inginier Gauci fejn dan inghata l-istess haga taht

---

[39] Ibid, pagna 4 tat-traskrizzjoni.
[40] Ibid, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[41] Seduta tat-8 ta' Ottubru 2019, trattazzjoni finali, Av. Mark Simiana ghar-rikorrent, pagna 9 tat-traskrizzjoni.

nomenklatura ohra. Inghata l-istess haga li hi ekwivalenti ghall-kundizzjonjiet tal-*pre-retirement leave.* L-inginier Gauci baqa’ jiehu l-istess paga, u l-istess allowances, fejn kellu estensjoni ta’ mija u tmenin gurnata (180) oltre l-irtirar tieghu. In-naha l-ohra, sahaq il-konsulent legali tar-rikorrent, ipprovat tohrog il-vera sitwazzjoni mill-mertu billi gabet cirkostanzi differenti minn kif verament kienet is-sitwazzjoni[42].

Dan kollu jammonta ghall-diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent ghalaq it-trattazzjoni tieghu l-konsulent legali tar-rikorrent, u dan peress li l-Inginier Gauci kien f’posizzjoni identika ghal dik tar-rikorrent, ossia manager.

Ir-rapprezentant tas-socjeta` ntimata, l-avukat Andy Ellul, beda t-trattazzjoni tieghu billi rrimarka li mall-Enemalta kien hemm jahdmu maghha madwar elfejn ruh, u li r-rikorrent qieghed jibbaza d-diskriminazzjoni tieghu fuq persuna wahda, u cioe` l-Inginier Gauci. Il-paragun li ghamel ir-rikorrent ma huwiex b’sahhtu meta tqis li l-Inginier Gauci kien intaghzel peress li kellu hamsa u tletin sena esperjenza sabiex imexxi l-eghluq tal-*Power Station*, sostna l-konsulent legali tas-socjeta` ntimata[43].

In oltre, gie sottomess li dak li kien inghata l-Inginier Gauci kien premju talli kien accetta li jibqa’ wara l-perjodu tal-irtirar tieghu u dan biex isir l-eghluq tal-Power Station tal-Marsa. Dak li ftehmet il-Korporazzjoni ma kien bicca ta’ hadd sahaq ir-rapprezentant legali tar-rikorrent. Dak li kien ingahata l-Inginier Gauci ma kellu xejn x’jaqsam mall-*pre-retirement leave*, izda kien biss premju, ssottometta l-konsulent legali tas-socejta` ntimata.

Il-konsulent legali tas-socjeta` ntimata semma’ ukoll matul it-trattazzjoni tieghu li l-kumpens li qieghed jitlob ir-rikorrent. In oltre, Dottor Ellul ghamel referenza ghax-xiehda ta’ Ramon Deguara, tar-rikorrent innifsu, u kif ukoll ghal dik ta’ Mario Grixti, li kien metikoluz fix-xiehda tieghu. Dwar ir-rikorrent ir-rapprezentant jishaq li dan hu stess jikkonferma li kien misluf mad-Dipartiment tal-Indafa, u li kien iffirma kuntratt mas-socjeta` ntimata, u li l-*pre-retirement leave* ma jissemmiex. Illi ghalhekk la ma rrizulta xejn dwar il-*pre-retirment leave*, u dan meta hemm referenza ghall-istanti ohra, bhal leave taz-zwieg, tat-twelid, u meta jkun hemm xi mewt fil-familja, dan il-beneficcju mhux intitolat ghalih ir-rikorrent, *ubi lex voluit dixit*, sostna d-difensur tas-socjeta` ntimata[44].

Il-mod li bih qieghed jirraguna r-rikorrent, u cioe` li ghax ma hemmx indikat fil-kuntratt il-*pre-retirement leave*, dan xorta japplika ghalih, dan it-tip ta’ raggunar ifalli pajjiz issottometta l-konsulent legali tas-socjeta` ntimata. Dwar dak li xehed Ramon Deguara, gie sottomess li r-rikorrent kien regolat bil-kundizzjonjiet tal-Enemalta, u s-Sur Deguara ma kienx jidhol fihom, is-Sur Deguara kien jidhol biss meta jkun hemm bzonn leave jew sick leave, jew proceduri ta'

[42] ibid, pagna 11 tat-traskrizzjoni.
[43] ibid, trattazzjoni finali, Av. Andy Ellul ghas-socjeta` ntimata, pagna 12 tat-traskrizzjoni.
[44] Seduta tat-8 ta’ Ottubru 2019, trattazzjoni finali, Av. Andy Ellul ghas-socjeta` ntimata, pagna 13 tat-traskrizzjoni.

dixxiplina, bhala amministrazzjoni ghar-regoli li jkunu gew bihom dawk l-impjegati minn entitajiet ohra.

Fit-trattazzjoni tieghu d-difensur tas-socejta` ntimata rrileva li l-aktar xhud li kien relevanti f'din il-kwistjoni kollha hu s-Sur Mario Grixti, fejn spjega b'mod metikoluz is-sitwazzjoni kollha ta' meta mpjegat ikun misluf ma' entita jew dipartiment governattiv. Impjegat li jkun f'din is-sitwazzjoni jibqa' jzomm l-istess kundizzjonjiet li jkollu mall-principal tieghu. Ir-rikorrent kellu kuntratt mas-socjeta` ntimata u l-kundizzjonjiet tieghu kienu stipulati skont dak il-kuntratt ta' mpjieg, sostna l-Avukat Ellul. Il-PSMC ma japplikax ghas-sitwazzjoni tar-rikorrent u dan stante li ma kienx jaqa' tahtu peress li ma kienx ufficjal pubbliku[45].

Ir-rapprezentant legali tas-socejta` ntimata ghalaq it-trattazzjoni tieghu billi sostna li r-rikorrent ma saret l-ebda diskriminazzjoni mieghu u lanqas ma kien hemm lok li jinghata kumpens.

**Kunsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kwistjoni ta' xoghol in dezamina tittratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrent, Kenneth Abela, u hu Inginier, u li kien jokkupa l-kariga ta' manager mas-socjeta` ntimata, talab lil dan it-Tribunal sabiex jinghata dritt sa massimu ta' sitt xhur *pre-retirement leave*, jiddikjara li l-agir tas-socjeta` ntimata kien jikkostitwixxi trattament diskriminatorju fil-kontront tar-rikorrent, jillikwida kumpens xieraq lir-rikorrent u li jikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas il-kumpens kif likwidat lill-istess rikorrent.

Dan it-Tribunal jinnota li din il-kwistjoni ta' xoghol hija komplessa ghall-ahhar, u dan stante l-fatt li r-rikorrent, Kenneth Abela qieghed jillanja li hu gie mcahhad mid-dritt tieghu li jibbenfika mill-beneficcju tal-*pre-retirement leave* meta ghandu dritt ghalih, u dan stante li japplika l-ftehim kollettiv li kien sar mill-Energy Senior Staff Union (ESSU) u kif ukoll matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol irrizulta li l-istess rikorrent kellu tlett kuntratti mas-socjeta` ntimata, wiehed, datat 7 ta' Jannar 2010 (Dok. 'A'), iehor datat, 26 ta' Novembru 2012 (Dok 'B'), u iehor datat 22 ta' Gunju 2016 (Dok. 'C').

Illi in oltre rrizulta ukoll matul is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol li skont il-ftehim kollettiv li kien sar mill-Enemalta Professional Officers' Union (EPOU), fi klawsola 6.2.14 li tirregola l-leave annwali (*annual leave*) hemm stipulat: -

> "Pre-retirement leave. – Officers will be entitled to avail themselves of any sick leave on full pay unutilized in the four (4) year immediately prior to the termination of employment due to retirement".

[45] Ibid, pagna 14 tat-traskrizzjoni.

Di piu', r-rikorrent ilmenta wkoll li l-agir s-socjeta` ntimata mxiet b'mod diskriminatorju mieghu, u dan stante l-fatt li fil-konfront ta' mpjegat iehor, u cioe' l-Inginier Edwin Gauci, s-socjeta` ntimata mxiet differenti. Mill-provi rrizulta li meta kienet waslet sabiex tinghalaq il-Power Station tal-Marsa, s-socjeta` ntimata kellha bzonn is-servizzi tal-Inginier Edwn Gauci sabiex jiehu hsieb id-*decommissioning* tal-istess *Power Station*. Minn dak li rrizulta waqt is-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol, l-argumenti tas-socjeta` ntimata kienu bbazati fuq il-fatt li dak li gie offrut l-Inginier Gauci ma kienx *pre-retirement leave* izda premju talli accetta dan l-inkarigu li jiehu hsieb l-eghluq tal-Power Station wara z-zmien tal-irtirar mix-xoghol.

It-Tribunal hawn jinnota li minn dak li xehed l-Inginier Edwin Gauci, hareg car li hu biex jaccetta dak l-inkarigu kien ried dak li kien ittihidielu, ossia, l-*pre-retirement leave*. In fatti, meta jigi kkunsidrat il-perjodu li kien inghata l-Inginier Gauci johrog bl-aktar mod car li kien inghata l-ekwivalenti tal-perjodu tal-*pre-retirement leave* tieghu, u cioe mija u tmenin (180) gurnata.

L-inginier Gauci, in kontro-ezami kien sostna; "*Sitt xhur biex naghmel xi xoghol u jiena ergajt gejt lura u ghidtilhom isma' jiena noqghod bil-qalb kollha biss irrid dak li hadtuli jew inkella li xi hadd minnkom tellfini li huwa l-pre-retirement leave*"[46].

It-Tribunal jinnota li s-socjeta` ntimata accettat, u l-Inginier Gauci kien inghata mija u tmenin gurnata leave, u wara li kien spicca s-sitt xhur estensjoni wara l-irtirar, l-Inginier Gauci kien beda dawk il-mija u tmenin (180) gurnata leave. Ghalkemm is-socjeta` ntimata tishaq li dan kien premju u mhux *pre-retirement leave*, dan it-Tribunal jinnota li s-socjeta` ntimata tat lill-Inginier Gauci dak li kien talab, jew ahjar dak li kien ittihiedlu, ossia l-*pre-retirement leave*. Il-mija u tmenin gurnata leave huma l-ekwivalenti ghal sitt xhur, u cioe` l-perjodu tal-*pre-retirement leave.*

Matul it-trattazzjoni saret referenza ghad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali fl-ismijiet, Fondazzjoni ghal Servizzi ta' Harsien Socjali vs Union Haddiema Maghqudin dwar nuqqas ta' ftehim fir-rigward ta' haddiema tal-Fondazzjoni li qed jitolbu beneficcju illi m'huwiex fil-ftehim kollettiv iffirmat mill-Fondazzjoni f'Marzu tal-2009[47].

F'din i-decizjoni t-Tribunal sostna s-segwenti: -

> "Li hu zgur hu li jekk gie interpretat li haddiema detailed ghandhom jibqghu igawdu dan il-pre-retirement leave bis-sahha ta' dan il-principju li d-detailing taghohom ma jistax ikun "on less favourable conditions", l-istess ghandu japplika ghall-haddiema deployed. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ghalkemm id-dicitura tal-principju tghid li "b'kollox ma' kollox" il-kundizzjonijiet m'ghandhomx ikunu inqas favorevoli, il-

[46] Xiehda in kontro-ezami Inginier Edwin Gauci, seduta 8 ta' Ottubru 2019.

[47] Tribunal Industrijali Decizjoni Nru. 2487, Kaz Nru. 2729/LC, datata, 27 ta' Gunju 2017, Fit-Tilwim ta' Xoghol bejn Fondazzjoni ghal Servizzi ta' Harsien Socjali vs Union Haddiema Maghqudin dwar nuqqas ta' ftehim fir-rigward ta' haddiema tal-Fondazzjoni li qed jitolbu beneficcju illi m'huwiex fil-ftehim kollettiv iffirmat mill-Fondazzjoni f'Marzu tal-2009, ippreseduta mic-Chairman, Dr. Leslie Cuschieri, Membri, Ms. Isabel Vella u Mr. Chris Attard.

> kwestjoni tal-pre-retirement leave hija xi haga sui generis u ma tistax titpogga f'keffa ma' xi haga ohra. Ghalhekk, blapplikazzjoni ta' dan il-principju, jekk jitnaqqas jew jitnehha l-pre-retirement leave ta' haddiem detailed jew deployed, ikun qed ikollu kundizzjoni tal-impieg inqas favorevoli. Il-ligi dan ma tridux. Ghaldaqstant qed jigi deciz li l-haddiema li fic-Civil kellhom id-dritt ghal pre-retirement leave u li gew detailed jew deployed ma' xi entita', ghandhom jibqghu jibbenefikaw minn dak id-dritt[48]".

Minn dan il-bran ta' din id-decizjoni johrog car li mpjegat qatt ma ghandu jkollu kundizzjonjiet inqas favorevoli, u li l-kwistjoni tal-*pre-retirement leave* hi xi haga *sui generis*, u ma tistax titpogga f'keffa ma' xi haga ohra.

In oltre, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta f'artikolu 42 jipprovdi s-segwenti:

> 42. Jekk mhux f'każ kif provdut xort'oħra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-prinċipal tiegħu jew ftehim kollettiv bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti magħrufin tal-union, jipprovdi għal xi kondizzjoni ta' impieg, inklużi kondizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli għallimpjegat minn dawk speċifikati fi jew taħt l-Att, dawn għandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet li huma anqas favorevoli għall-impjegat kien hemm imdaħħla l-kondizzjonijiet speċifikati fi jew taħt dan l-Att.

Ir-relazzjoni bejn principal u mpjegat f'negozjati dwar kundizzjonijiet ta' xoghol mhux dejjem tkun fuq l-istess livell. Dan peress li principal, specjalment jekk ikun xi azjenda ta' certu portata titfa' l-impjegat fi stat ta' zvantagg ghal dak li jikkoncerna n-negozjati tal-istess kuntratt. Huwa propju ghalhekk li l-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali, (Kap 452) jara li dawn l-istanti jigu regolati.

L-awtur Norman Selwyn dwar ir-relazzjoni bejn principal u mpjegat f'sitwazzjoni kuntrattwali jqis: -

> 3.2 However, tradition legal reasoning based on the law of contract does not always sit comfortably with the expansion of workers' rights which has occurred over the past few decades, partly because of the acknowledged

[48] Tribunal Industrijali Decizjoni Nru. 2487, Kaz Nru. 2729/LC, datata, 27 ta' Gunju 2017, Fit-Tilwim ta' Xoghol bejn Fondazzjoni ghal Servizzi ta' Harsien Socjali vs Union Haddiema Maghqudin dwar nuqqas ta' ftehim fir-rigward ta' haddiema tal-Fondazzjoni li qed jitolbu beneficcju illi m'huwiex fil-ftehim kollettiv iffirmat mill-Fondazzjoni f'Marzu tal-2009, ippreseduta mic-Chairman, Dr. Leslie Cuschieri, Membri, Ms. Isabel Vella u Mr. Chris Attard.

> inequality of bargaining power between the parties, but also because a contract of employment involves a continuing relationship, unlike most other forms of contracts which are generally single transactions. In the world of employment, the parties have to live together and work together over a period of time. There has to be an element of trust and confidence. If there are areas where strict adherence to contractual rights can produce inequitable results, traditional contract doctrines may be circumvented. Consequently, the courts thus developed and expanded the doctrine of implied trust and respect which is sometimes used to override strict contractual obligations, on the basis that the exercise of contractual powers by management is subject to that power being exercised reasonably and not in an unconscionable manner[49].

Dan l-insenjament ta' dan l-awtur juri li t-Tribunal, f'sitwazzjonijiet simili bhal din l-odjerna kwistjoni ta' xoghol, zviluppa u espanda d-duttrina tal-fiducja mplikata u r-rispett, u li mhux l-ewwel darba giet adottata mit-Tribunal sabiex ma tapplikax dawn l-obbligazzjonjiet kuntrattwali stretti, a bazi li dan l-ezercizzju tal-poteri kuntrattwali mill-principal jintuza b'mod ragonevoli u mhux jintuza b'mod mhux adegwat.

Is-sitwazzjoni tar-rikorrent kienet li fil-kuntratt li kellu mas-socjeta` ntimata ma kienx gie nserit il-beneficcju tal-*pre-retirement leave*. In oltre, rrizulta bl-aktar mod car mill-provi mressqa, u mix-xiehda tal-Inginier Edwin Gauci, li ukoll ma kienx jibbenfika mill-*pre-retirement leave*, li s-socjeta` ntimata ghazlet li tikkoncedi dan il-beneficcju lill-Inginier Gauci. B'dan il-komportament is-socjeta` ntimata ddiskriminat mar-rikorrent, u dan ghalkemm is-socjeta` ntimata ttentat li taghti sembjanzi u nomenklatura differenti sabiex ma jidhirx bhala *pre-retirement leave*.

L-awtur Norman Selwyn dwar dawn it-tip ta' beneficcji jsostni li: -

> 4.69 The general principle is that to use lenghth of service as acriterion for mthe provision of an additional benefit, facility, or service. However, if an employee feels that he is at a disadvantage because the employer has used this criterion in relation to another employee, the employer would have an absolute defence where the benefit in question was awarded in relation to service of five years or less. If the length of service exceeds five years, then the exception applies if

[49] Selwyn's Law of Employment 21st Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2020) – par. 3.2, p. 78.

> the employer could show that the reason the criterion was used was to fufil a business need of the undertaking, eg by encouraging loyalty or motivation, or rewarding the experience of some or of all his workers. In other words, if an employee has been employed for less than five years, he is entitled to complain if he is not given the benefit based on long service whereas another employee has been given such benefit. To resist such a complaint, the employer must show the 'business need' of encouraging loyalty, etc.

Fil-kaz odjern is-socjeta` ntimata ghazlet li taghti dan il-beneficcju tal-*pre-retirement leave* lil wiehed mill-impjegati taghha, u li kellu l-istess kundizzjonijiet tar-rikorrent. Ghalkemm kien hemm bzonn is-servizzi tal-Inginier Gauci wara li kien se jirtira, sabiex sar id-*decommissioning* tal-*Power Station* tal-Marsa, l-agir tas-socjeta` ntimata kien diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent.

It-Tribunal iqis li s-socjeta` ntimata riedet li tahbi (*to disguise*) l-agir taghha dwar il-mod kif imxiet mall-Inginier Gauci u dan ghax kienet konxja mill-fatt li dan il-kompartament taghha kien se johloq precedent li kien se jaffettwa l-impjegati l-ohra li kellhom l-istess kundizzjonijiet tal-Inginier Edwin Gauci, bhal ma kien ir-rikorrent.

## Kumpens

Illi kif gia gie spjegat f'decizjonjiet ohra ta' dan it-Tribunal, il-kumpens li jasal ghalih it-Tribunal Industrijali ghandu jkun in linea ma' dak li jkun ghadda minnu l-impjegat/a. Il-Qrati taghna wkoll indikaw il-mod u x'ghandu jiehu in kunsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens gust u xieraq.

Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi decizjonjiet elenkat l-istanti li Tribunal Industrijali ghandu jikkunsidra sabiex jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkunsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[50].

Ill ghalhekk dan it-Tribunal wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha ta' din il-kwistjoni ta' xoghol u kif ukoll ghar-ragunjiet sopracitati, t-Tribunal iqis li l-agir tas-socjeta` ntimata jikkostitwixxi trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk qieghed jillikwida kumpens fl-ammont ta' ghaxart elef Ewro (€10,000), u jikkundanna lis-socjeta` ntimata, Engineering

[50] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.

Resources Limited sabiex thallas, fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni, lir-rikorrent, Kenneth Abela, is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
**Av. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**